Please see Interpretation of this Award dated 18/12/83

TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru 151

KAZ NRU 193

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

l-General Workers' Union (Taqsima Tessuti) ghan-nom ta' Miss Lydia Bugeja

u

Messrs Imperial Products Ltd

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 4 ta' Novembru, 1983

Chairman: A Debono C.P.A.A.

B'Ittra tal-11 ta' Mejju, 1982 l-Onorevoli Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali, irrefera lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28(2) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija ta' Miss Lydia Bugeja minn ma l-Imperial Products Limited, tkeccija li l-appellant tallega li kienet ingusta.

2 It-Tribunal zamm seba seduti li fihom l-appellant kienet assistita mis-Sur Arthur Micallef, Segretarju tat-Taqsima Tessuti tal-General Workers' Union, waqt li l-kumpanija kienet rappresentata mis-Sur Leslie Freedman, li kien assistit mis-Sur Albert Tabone.

3. Statement of Case (fil-qosor)

i) Ghall-appellant - Is-Sur Arthur Micallef issottometta li Miss Lydia Bugeja li kienet ilha mpjegata ma l-Imperial Products minn 1969, dejjem qdid id-dmirijiet taghha bl-akbar mod responsabbli ghal dak li jirrigwardja l-attendenza, efficjenza u produttivita. Kien ghal bidu tas-sena 1982, meta l-Management beda jakkuza lill-haddiema kolla, inkluza Miss Bugeja, li kienu fuq xoghol tal-"Finishing" ghal produzzjoni baxxa. Fit-22 ta' Frar, 1982,

..../2

il-Personnel Manager kiteb lil Miss Bugeja fejn qallha li min-kejja t-twissijiet verbali li nghatawlha l-produzzjoni taghha kienet ghadha taht il-minimum waqt li gharrafha li din kienet l-ahhar twissija u mmedjatament l-ghada, 23 ta' Frar, 1982, Miss Bugeja giet 'downgraded' u wara jumejn, fil-25 ta' Frar, 1982, sfat imkeccija fuq akkuza li ncitat lil shaba biex ma jghamlux il-produzzjoni mehtiega.

Wara li x-Shop Steward gie mgharraf mill-Management dwar il-produzzjoni baxxa fis-Section tal-Finishing, dan stharreg l-ilment tal-Management u sab li l-haddiema kollha kienu qed jipprotestaw li ma setghux jilhqu l-produzzjoni li pretenda l-Management. Il-"Production u l-Minimum Standards" gew stabbiliti unilateralment mill-Management.

Sabiex ikun jista' jitfa l-htija fuq Miss Bugeja, il-Management konvinjentament inqeda b'wahda mill-haddiema li ma kienitx taf la taqra u lanqas titkellem bl-Ingliz, li ffirmat statement ippreparat mill-Management kontra Miss Bugeja, fuq liema statement giet ibbazata t-tkeccija taghha.

Is-Sur Micallef kompla jghid fis-sottomissjonijiet tieghu, li l-amministrazzjoni tal-kumpanija ma gietx moghtija taghrif dettaljat bizzejjed ta' l-operation tax-xoghol fl-idejn li kellhom il-Finishers, li ghall ewwel darba ilkoll flimkien ma kienux kapaci jaghtu l-produzzjoni mehtiega.

Ghalhekk, wiehed bilfors li jasal ghall konkluzzjoni li ma jistax jonqos illi kien hemm xi haga li ghall ewwel darba, naq-qset ir-rittmu tal-produzzjoni u li din baqghet mohbija, b'detriment ghall-appellant li ntefgha dell ikrah fuqha meta giet allegata li geghlet lil shaba biex ma jlahqux il-produzzjoni. Miss Bugeja qatt ma giet servuta b'ebda twissija minhabba nuqqas ta' produzzjoni jew incitar lil shaba tul it-13 il-sena li kienet ilha fl-impieg.

Il-Management ibbaza l-akkuza tieghu primarjament fuq sqarrija li nkitbet minn wiehed mill-Membri tal-Management stess u wara din giet iffirmata minn wahda mill-haddiema li ntaghzlet mill-Management, li ma kienetx taf la taqra u lanqas tikteb bl-Ingliz u din ma marretx minn jedda quddiem l-amministrazzjoni biex tistqarr bil-miktub. Ghalkemm kien hemm prezenti min jinterpretalha bil-Malti, is-Sur Micallef ghandu dubbju serju kemm il-kliem bl-Ingliz gie maqlub kelma b'kelma u li l-firmatarja fehmet sewwa dak kollu li kien hemm miktub. Meta matul l-investigazzjonijiet ta' l-akkuza, il-Union talbet kopja ta' l-istqarrija, peress li ebda Ufficjal Amministrattiv tat-Taqsima tal-Union ma kien prezenti meta l-Management interroga lil firmatarja, il-Union giet moghtijja kopja bla firma.

Ghal dawn ir-ragunijiet Miss Bugeja titlob lit-Tribunal li jiddeciedi li t-tkeccija taghha ma kienitx gusta, u per konsegwenza ghandha tiddahhal lura ghax-xoghol fl-impieg li kellha qabel ma tkecciet, u li tithallas il-pagi u ammonti dovuti lilha ghaz-zmien kollu li tkun ghamlet barra mill-impieg jew kif jidhirlu li huwa xieraq dan it-Tribunal.

ii) <u>Ghal-Kumpanija</u> - Is-Sur Albert Tabone issottometta li Miss Lydia Bugeja giet impjegata nhar il-21 ta' April, 1969 bhala "Finisher/Liner". Fl-ewwel ta' Lulju, 1977 minhabba is-serjeta li kellha kienet giet promossa.

Ix-Shop Steward tal-Union kien jaf li matul l-ahhar parti tas-sena 1981 u l-ewwel xahrejn ta' 1982, il-Management kien taha ghoxrin twissija verbali lil Miss Bugeja ghaliex ma kienitx lahqghet il-minimum production target, li kien jikkonsisti f'hames (5) ggieget jew erba (4) kowtijiet kull jum jew 'combination' of jackets and coats in proportion". Minkejja dawn it-twissijiet l-appellant ma ammeljoratx il-produzzjoni, allura l-Management nhar it-22 ta' Frar, 1982 hareg twissija bil-miktub fejn gibdilha l-attenzjoni ghannuqqasijiet taghha u li jekk ma tilhaqx il-"Minimum Requirements" jittiehdu mizuri dixxiplinarji. Anke wara din it-twissija bil-miktub Miss Bugeja ma ghamlet ebda sforx biex tammeljora l-produzzjoni,

.../4

lanqas f'dik il-gurnata stess li rceviet it-Twissija; ghaldaqstant nhar it-23 ta' Frar, meta l-Management ra li Miss Bugeja ma ghamlet ebda attentat biex tirranga s-sitwazzjoni, Miss Bugeja giet "Downgraded" ghal Grade B u mwissija li jekk tikser aktar ir-Regolamenti tal-Fabbrika, tista' tissuggetta ruhha ghal tkeccija.

Nhar l-24 ta' Frar, 1982 wara aktar investigazzjonijiet mill-Management, irrizulta li Miss Bugeja kienet qed ixxewwex lill-haddiema biex ma jilhqux "the reasonable production targets" stabbiliti mill-Management. Dan kien konfermat fi stqarrija bil-miktub li ghamlet Miss Vicky Tanti b'korraborazzjoni ma stqarrija verbali li saret fl-24 ta' Frar. Miss Tanti ghamlet ukoll "complaint" formali lix-Shop Steward dwar li Miss Bugeja nfluwenzatha biex izzomm il-produzzjoni f'livell aktar baxx minn dak stabbilit mill-Management.

Fis-26 ta' Frar, 1982 bhala rizultat ta' l-informazzjoni dwar l-effett hazin li l-prezenza ta' Miss Bugeja kien qed ikollha fuq il-haddiema, Miss Bugeja giet sospiza sakemm issir investigazzjoni u sussegwentament imkeccija wara konsultazzjoni mas-Segretarju tal-General Workers' Union.

Il-Management qieghed hemm biex imexxi fabbrika fl-ahjar interess tax-Shareholders, ta' l-ekonomija nazzjonali u biex jipprotegi x-xoghol tal-haddiema. Dawn it-tliet ghanijiet huma ta' l-istess importanza u katenati wiehed ma l-iehor u li wiehed jilhaqhom huwa ta' l-ikbar importanza. Waqt li produzzjoni efficjenti u effettiva hija dejjem importanti, din issir aktar importanti fi sitwazzjoni ekonomika mghaksa bhal dik li l-Kumpanija kienet u ghada ghaddejja minnha. F'dawn ic-cirkostanzi l-ebda intrapriza ma tista' taccetta li jkollha haddiema bla hegga, inefficjenti u wisq anqas li jqajjmu t-tixwix.

Fl-istadji kollha ta' dan il-kaz, il-Management ikkonsulta ruhu max-Shop Steward u mal-Union biex dawn ikunu nfurmati sewwa bid-deni li kienet qed taghmel Miss Lydia Bugeja mhux biss lill-Kumpanija, izda wkoll lix-xoghol ta' shaba l-haddiema.

.../5

Miss Bugeja kienet prezenti ghal tahdita moghtija mill-Management lill-haddiema kollha fi Frar, 1982 li fiha gew spjegati d-diffikultajiet tal-Kumpanija u giet moghtija wkoll traduzzjoni bil-Malti tat-tahdita tal-Managing Director.

Fid-dawl ta' dan kollu l-Management huwa fiducjuz li t-Tribunal jikkonkludi li t-tkeccija ta' Miss Lydia Bugeja hi gustifikata fir-regwardi kollha.

4 NOTI TA' OSSERVAZZJONIJIET

Il-kumpanija ssottomettiet nota ta' osservazzjonijiet u klarifikazzjonijiet ghal certi punti mqajjma fis-Sottomissjonijiet tal-Union, waqt li l-Union issottomettiet kontra stqarrija ghan-nota tal-kumpanija.

5. Lista ta' Dokumenti Sottomessi

i) Kopja ta' ittra mill-Personnel Manager lil Miss Lydia Bugeja datata 22 ta' Frar, 1982.

ii) Kopja ta' ittra mill-Personnel Manager lil Miss Lydia Bugeja datata 23 ta' Frar, 1982 - Twissija u 'Downgrading' b'effett immedjat.

iii) Kopja ta' konferma tas-Sur Emanuel Mizzi (Shop Steward) rigward stqarrija li ghamlet Miss Vicky Tanti nhar il-24 ta' Frar, 1982.

iv) Kopja ta' stqarrija minn Miss Vicky Tanti datata 25 ta' Frar, 1982 (bl-Ingliz) rigward Miss Lydia Bugeja.

v) Kopja ta' ittra minn Mr L Freedman datata 26 ta' Frar, 1982 lil Miss Lydia Bugeja (letter of discharge).

vi) Kopja ta' "Stqarrija lill-Haddiema - Frar 1982" dwar is-sitwazzjoni ekonomika tal-Kumpanija.

vii) "Daily Production Records".

viii) Various Individual Daily Production Records.

ix) Kopja ta' ittra datata 2 ta' April, 1982 minn Onor Mr J Grima lis-Sur L Freedman.

x) Kopja ta' ittra datata 5 ta' April, 1982 minn Mr L Freedman lil Onor Mr J Grima - Ministru ta' l-Industrija.

xi) Kopja ta' ittra mill-Personnel Manager datata 21 ta' Marzu, 1982 lil A/Director of Labour

xii) Dikjarazzjoni mill-Haddiema fuq ix-xoghol tal-Finishing, datata 18 ta' Marzu, 1982.

6. Instemghu dawn ix-xhieda

A. Prodotti mill-Union

Is-Sur Emanuel Mizzi (ex impjegat tal-Kumpanija u Shop Steward)

Miss Julie Gatt - (ex impjegat tal-Kumpanija)

Mrs Georgina Farrugia nee' Penza (ex impjegata tal-Kumpanija)

Mr Raymond Cauchi - (ex impjegat tal-Kumpanija u Shop Steward)

Mrs Josephine Farrugia - Impjegata mal-kumpanija

Miss Angela Grixti - Impjegata mal-kumpanija

Miss Lydia Bugeja - L-appellant

B. Prodotti mill-Kumpanija

Miss Vicky Tanti - Impjegata mal-Kumpanija

Mr Joseph Schembri - Assistant Production Manager tal-Kumpanija

Mr John Visanich - Personnel Manager tal-Kumpanija

Mr Leslie Freedman - Managing Director tal-Kumpanija

7. XHIEDA Fil-Qosor

i) Is-Sur Emanuel Mizzi - li kien impjegat mill-Imperial Products Ltd bhala Storekeeper ghal 4 snin waqt li kien ukoll Shop Steward, xehed li meta l-Assistant Production Manager gibidlu l-attenzjoni li l-'Finishers' ma kienux qed jilhqu l-istandards tal-Minimum Production, kien laqqgha il-haddiema kkoncernati, inkluza Miss Vicky Tanti fl-Ufficju tal-Production Manager, u ghal mistoqsija tas-Sur Mizzi, li kien ukoll attenda ghal din il-laqgha, il-haddiema prezenti kollha qalu li ma setghux ilahqu l-istandards tal-Minimum Production li kien jippretendi minnhom il-Management.

Dak iz-zmien kienu hargu numru ta' Twissijiet lil "Finishers" u peress li Miss Tanti kienet giet downgraded minhabba li ma lahqghetx il-livell ta' produzzjoni mistennija mill-Management u allura kienet bhal speci rrabjata, sabghet lix-xhud u qaltlu "Ghaliex jiena il-production kont kapaci nilhaqgha u ma ghamiltiex ghaliex bdew jghiduli biex ma nghaggilx u jiena ghaliex bzajt". Pero meta kien kellimhom ilkoll flimkien qabel din l-okkazzjoni, hi kienet baqghet issostni bhal shaba li ma setghux jilhqghu il-Minimum Production.

Rigward l-istatement ta' Miss Tanti, hu ma kienx prezenti meta iffirmatu ghaliex kien bill-leave.; hu kien prezenti meta kienet ghamlet statement verbali lis-Sur Joe Schembri.

Is-Sur Mizzi kompla jghid li jekk jiftakar sewwa, wara l-istqarrjia ta' Miss Tanti, il-Management kien sejjah lill Miss Angela Grixti u l-Miss Mary Rose Casser u t-tnejn innegaw li kienu gew imxewxa biex ma jlahhqux il-produzzjoni rikjesta mill-Management.

Fil-kontro ezami - Is-Sur Mizzi xehed li dak in-nhar tat-tkeccija, il-Managing Director kien sejjah lix-xhud (Shop Steward), lill Assistant Shop Steward u lil Miss Bugeja u qalilha: "Ma baqaliex triq ohra hlief li niehu passi li tispicca." Ghalkemm din kienet sitwazzjoni ta' "Fait accompli" sussegwentament ir-rappresentanti tal-Union iltaqghu mal-Management u qalulu li ma accettawx id-decizjoni ta' tkeccija ta' Miss Bugeja.

.../8

Meta s-Sur Mizzi ingratlu traduzzjoni bil-Malta li t-Tribunal qaleb mill-Ingliz, u s-Sur Micallef staqsieh jekk dan jaqbilx mad-diskors li Miss Tanti kienet qaltlu qabel ma din iffirmat l-istatement, ix-xhud qal: "il-kliem mhux hekk kien, ferm differenti minn hekk. L-ewwel paragrafu ta' l-istatement ma ghandu x'jaqsam xejn mal-kliem li qaltilna .. .. .."

Matul il-kontro ezami, is-Sur Mizzi kompla jghid li l-Finishers kienu jilmentaw, li l-Management sabiex il-produzzjoni tohrog aktar irfinuta u aktar prezentabbli, kien ziedilhom ix-xoghol, fis-sens li ried li l-punti (tal-hjata) fil-'garments' ikunu izghar u aktar spissi milli kienu jghamlu qabel.

ii) <u>Miss Julie Gatt</u> - Ex impjegata mal-Imperial Products Ltd fil-Finishers Section - qalet li kien inghatalhom xoghol li kien nqalalhom l-inkwiet fuqu. Miss Lydia Bugeja qatt ma qaltilha sabiex ma ttellghax il-produzzjoni ghal xi raguni ulterjuri. Fil-kontro ezami Miss Gatt qalet li fix-xaharejn li hija hadmet fil-Finishing Section, wara li spiccat Miss Bugeja, hi qatt ma rnex-xielha tlahhaq it-targets tal-Management. Ix-xhud ammettiet li ma kelliex l-esperjenza li kellha Miss Bugeja bhala Finisher.

iii) <u>Mrs G Farrugia (Nee Penza)</u> - Ex impjegata ma l-Imperial Products Ltd fil-Finishers Section - ikkonfermat il-firma taghha (Gina Penza) tad-Dikjarazzjoni datata 18 ta' Marzu, 1982 u regghet stqarriet li Miss Lydia Bugeja qatt ma qaltilha biex ma ttellghax il-produzzjoni ghal livell rikjest mill-Management. Fil-kontro ezami ix-xhud qalet li sa Frar (meta kien hemm il-problemi fis-Section) hi gieli kienet tlahhaq il-livell ta' produzzjoni rikjesta mill-Management u gieli le, izda minn Marzu l-quddiem hi kienet tlehhaq il-livell rikjest.

iv) <u>Is-Sur Raymond Cauchi</u> - Ex impjegat ma l-Imperial Products Ltd bhala 'Cutter' u Assistant Shop Steward, qal li x-Shop Steward, is-Sur Mizzi, kien qallu li l-Management issuggerixxa li jekk iridu jirrangaw 'jaghmlulha certifikat ta' Tabib li l-fur mhux tajjeb ghaliha u din tispicca bhal ma nghidu minhabba Medical Grounds";

izda Miss Bugeja irrifjutat li taghmel kif gie suggerit, ghaliex hi hasset li m'ghandiex tort f'dan il-kaz. Ir-raguni ta' l-inkwiet li inqalgha fis-Section tal-Finishers kienet dovuta ghal fatt, wara li kienu kabbrulhom id-daqs tal-punti (tal-hjata) li ghamlu fil-kowtijiet, ggiget, etc., bdew jircievu 'complaints' minn barra rigward il-Finishing Standards"; per konsegwenza sabiex jikkoregu dan id-difett, il-Finishers nghataw istruzz-jonijiet biex fil-hjata jghamlu il-punti izghar u aktar spissi; din ixxizieda fix-xoghol naturalment irrendiet il-process tax-xoghol li jispicca fi zmien itwal minn qabel.

Meta l-Management hass il-htiega li jirfina ix-xoghol biex jevita l-"complaints" minghand il-klijenti tal-Kumpanija, ix-xhud bhala dirigent tal-Union ma kienx gie kkonsultat alla-volja kien involut il-livell tal-produzzjoni tal-haddiema.

v) <u>Mrs J Farrugia</u> - li ilha tahdem ghal izjed minn 4 snin mall-Kumpanija ikkonfermat il-firma taghha fuq id-Dokument datat 18 ta' Marzu, 1982 u qalet li Miss Lydia Bugeja qatt ma qaltilha biex ma tlahhaqx il-produzzjoni jew xewxet lil haddiema f'dan ir-rigward. Sal-habta ta' l-ahhar ta' 1981, hi kienet tlahhaq it-'targets' izda wara li l-Management biddillhom l-istandards tal-Finishing li kien jirrikjedi xoghol aktar unit permezz ta' aktar punti spissi, allura imbaghad ma baqghux jilhqu it-"targets" ghal dak li kien kwantita ta' xoghol.

vi) <u>Miss Angela Grixti</u> - li tahdem bhala Finisher mall-Kumpanija Imperial Products Ltd ikkonfermat il-firma taghha li hemm fid-Dikjarazzjoni datata 18 ta' Marzu 1982 u kkonfermat ukoll illi waqt l-investigazzjonijiet li l-Management kien qed jaghmel fuq Miss Lydia Bugeja, hi kienet infurmat lil Management li Miss Bugeja qatt ma kienet qaltilha biex ma jahdmux. Hi kompliet tghid li sa fejn tiftakar ma kienx hemm problema fuq il-produzzjoni, izda f'Jannar 1982, l-istandards tal-"Finishing" ghola u peress li dan kien jirrikjedi aktar xoghol, allura nholqot problema.

.../10

v) Miss Lydia Bugeja - L-appellant li kienet ilha tahdem mal-Kumpanija ghal tlettax il-sena bhala Finisher minn jeddha xehdet li sal-bidu tas-sena 1981, il-Finishers ma kellhomx problemi ghaliex kienu jaghmlu punti kbar u kienu jlaqqghu mat-"targets" tax-xoghol. Izda darba wahda is-Sur Schembri, Production Manager, kien informa lil Finishers li l-Management kien ircieva "complaint" minn barra ghaliex il-punti kienu kbar, u ordnalhom li minn dak in-nhar il-quddiem il-punti jridu jkunu izghar u aktar spissi u per konsegwenza ma setghux jilhqu it-"Target" tal-produttivita. Minhabba f'hekk gew infurmati li jekk ma jilhqghux it-"Target" kienu se jigu Downgraded.

Rigward il-kwalita tal-hjata, ix-xhud qalet li qabel dejjem punti kbar kienu jghamlu tant hu hekk li Mr Joe Schembri kien jghidilhom: "Kabbru l-punti basta tghagglu biex tohorgu l-production": pero meta harget id-direttiva li l-punti kienu jridu jsiru izghar u aktar spissi, is-Sur Schembri qalilhom: "Insew li kontu tahdmu, qiskhom qed taghmlu xoghol gdid".

Sussegwentament, l-appellant giet downgraded minn Grade A ghal Grade B ghaliex ma lahhqghetx il-produzzjoni. Fis-Section taghha hi biss kienet tahdem il-kowtijiet tal-Mink u meta kien ikollha xi "complaints" fuq il-produzzjoni kienet taghmilhom max-Shop Steward u mas-Supervisor u ma kienitx toqghod tiddiskutihom ma haddiehor.

Fil-kontro ezami, Miss Bugeja xehdet li matul it-tlettax il-sena li kienet impjegata mall-Kumpanija, qatt ma kellha "complaint" hlief darba, meta kienu tawha "Warning" flimkien ma shaba ghaliex ma kienux lahqghu il-produzzjoni: izda wara intervent tax-Shop Steward, dan il-Warning kien gie annullat.

Miss Bugeja qalet darba waqt li kienet qieghda tahdem mar fuqha ix-Shop Steward u qallha li Mr Freedman ried ikellimha. Meta marret Mr Freedman qallha li hi kienet qed ixxewwex it-tfajliet biex ma jahdmux, u ghal kemm hi cahdet, Mr Freedman qallha: "Issa se nissuspendik u jekk insib li mhux vera, nerga' nihghat ghalik u nhallsek ta' kemm iddum barra".

.../11

vi) <u>Miss Vicky Tanti</u> - prodotta mill-kumpanija - qalet li ilha tahdem mal-Kumpanija Imperial Products Ltd disa snin, bhala Finisher u meta ma jkunx hemm xoghol ghaliha tmur fuq il-makna.

Ghal habta ta' Dicembru, 1981 gew infurmati li l-Management kien ircieva "complaints" fuq il-kwalita tal-produzzjoni u s-Sur Schembri ried li l-punti jkunu zghar b'rizultat li ma setghux ilahhqghu it-"target" tal-produzzjoni. Meta l-Finishers tkellmu bejniethom rigward id-direttiva gdida tal-Management kien hemm min qal "Taghmluhomx il-hamsa (oggetti) ghaliex inkella jekk naghmluhom bhal speci kif se naqbad nghid .. .. .. kullhadd qiesu beda jghid: "'Hi, kif jista' jkun se nlahhqu l-production': u s-Sur Schembri kien qalilhom 'Aghmlu mill-ahjar li tistghu'.

Miss Tanti qalet li hi taf taqra bl-Ingliz, izda ma tanc tifhem u titkellem b'dik il-lingwa.

Rigward id-dikjarazzjoni bl-Ingliz, din giet spjegata lilha mis-Sur John Visanich, imbaghad marret id-dar u staqsiet lil tal-familja jekk ghandiex tiffirma jew le, izda dawn ikkonfondew x'ghandhom jghidulha, u marret ghand is-Sur Visanich u qaltlu: "mhux se niffirmha" u hu rrispondieha: "Allright, mela se nghatik chance sa ghada". L-ghada is-Sur Visanich sejjeh lix-xhud u staqsieha: "Se tiffirmha dik il-karta?" u hi qaltlu "Lanqas naf x'se naqbad naghmel" u s-Sur Visanich qalla: "Dik ma fihiex x'tibza minnha; ma hemmx xejn, aqbad u ffirmaha" u kompliet tghid: "u jiena ma kontx naf hux - qbadt u ffirmajtha".

L-ghada meta x-Shop Steward staqsieha ghaliex iffirmat id-dikjarazzjoni hi rrispondietu: "Jekk lili qaluli biex niffirma!". Ta min jinnota li dik in-nhar li ffirmat id-dikjarazzjoni, Miss Tanti ma setghetx issib lix-Shop Steward.

Ghad domanda tas-Sur Tabone jekk meta qrat id-dikjarazzjoni din kienetx tfisser l-istess dak li hi kienet qalet lis-Sur Visanich, Miss Tanti qalet: "Issa ezatt ma nafx - imma nahseb li hekk hi".

Ix-xhud qalet lil lilha kienu tawha "Warning" u giet "downgraded" u hassitha urtata ghaliex hi kienet konvinta li hi setghet tlahhaq it-"target" tal-produzzjoni, allura l-ghada fil-ghodu marret ghand ix-Shop Steward u qaltlu: "Lel, kieku jien kont naghmilhom, kieku ma haqoaqthiex maghhom." Ix-Shop Steward irrefera il-kaz lis-Sur Schembri, u meta dan baghat ghal Miss Tanti u staqsieha ghaliex ma kienitx lahqghet it-'target' tal-produzzjoni, hi rrispondietu "ghaliex x'hin kontu tigbru l-production jien ma kontx nista' nghati hamsa ghaliex inkella kienu jaghmlu ghalija u Mr Schembri mar qal lil Mr Freedman. Imbaghad tellani fuq u ghamilt dak l-istatement". Sussegwentament Miss Tanti fix-xiehda taghha tat verzjoni ftit differenti minn dik li kienet ghadha kemm xehdet.

Fil kontro ezami Miss Tanti qalet li ma tafx bl-Ingliz u ma setghetx tghid jekk il-kliem li kien hemm fid-dikjarazzjoni kienx kliem izatt li qalet hi.

Meta s-Sur Micallef qara t-traduzzjoni bil-Malti tad-dikjarazzjoni bil-lingwa Ngliza li Miss Tanti kienet iffirmat u staqsieha jekk kieku kienitx tiffirmha, hi rrispondiet: "Jiena kif ghidt, kieku kienet bil-Malti ghidtlu jien lil Visanich - ghidtlu, jien dik il-karta se niffirmaha hekk, ghaliex lanqas irrida tghid li jien keccejtha lil dik": u s-Sur Visanich qalla, "Dik ma fiha xejn dik il-karta". Miss Tanti kompliet tghid: "Li kieku kienet bil-Malti, ghaliex jien bzajt hux, qbadt u ffirmajtha - jiena bzajt li se jinqala xi haga fejn naf jien!!"

Ix-xhud kompliet tghid li dak iz-zmien Miss Lydia Bugeja wahida kienet taghmel il-kowtijiet, l-ohrajn kienu jahdmu fuq il-ggieget u il-garr kien bejn kulhadd u kulhadd kien jghid: "Taghmluhomx, taghmluhomx il-hamsa" u "hadd ma kien jaghmilhom"; infatti ix-xhud kienet taghmel erba ggieget u nofs kull jum u n-nofs l-iehor kienet thallih ghal ghada.

Miss Tanti kkonkludiet ix-xhieda taghha billi kkonfermat li d-dikjarazzjoni bl-Ingliz li hi kienet iffirmat u li taghha giet moqrijja it-Traduzzjoni bil-Malti waqt it-Tribunal, kienet bejn wiehed u iehor l-istess stqarrija li hi kienet ghamlet lil Personnel Manager.

vii) Mr Joseph Schembri - prodott mill-kumpanija, li ilu jahdem ma l-Imperial Products ghal 15 il sena u matul l-ahhar 10 snin fil-grad ta' Assistant Production Manager, qal li l-kowtijiet tal-'mink' kienu jahdmu fuqhom Miss Lydia Bugeja u xi minn daqqiet Miss Vicky Tanti u Miss Julie Gatt. Ghalkemm qabel kien ta' sepci jaghaddi kollox ghaliex ix-xoghol li kienu jaghmlu dak iz-zmien kien fuq 'ir-rabbit', izda minn mindu bdew jahdmu ma Rosenberg ix-xoghol irfina ruhhu u "allura l-punti riedu jirrangaw ukoll ............. Biex ix-xoghol dejjem ikun neat".

Ix-xhud kompla jghid li qabel kien kwazi kollox jghaddi sa certu limitu, pero issa ma hemmx differenza jekk ikunx qed jinhadem materjal tar-'rabbit', nutria jew mink. Il-kwalita ta' xoghol irid ikun kollu ta' "high standard".

Meta l-Management hareg din l-istruzzjoni, cioe li l-kwalita tal-'finished product' riedet toghla, u ghalhekk din kienet tirrikjedi aktar xoghol permezz ta' aktar punti minn qabel, sistendi l-produzzjoni kienet naqset. L-Assistant Production Manager fix-xhieda tieghu kompla jghid li meta l-kwalita tax-xoghol giet ameljorata, it-'targets' gew reveduti; per ezempju qabel it-'target' tal-produzzjoni tal-'garments' kien bejn 6 u 7 u mbaghad gew ridotti ghal hames ggieget. Miss Bugeja fiz-zmien li spiccat kienet taghmel 'coat' u nofs tal-mink kull jum u gieli ghamlet tnejn kuljum, filwaqt li l-Management kien jippretendi 4 kowtijiet tal-mink kuljum bin-normi riveduti.

Ohrajn li kienu jahdmu fuq il-'finish' tal-kowtijiet tal-mink meta Miss Bugeja kienet tkun assenti kienu jaghmlu tnejn kuljum.

Meta Miss Bugeja baqghet konsistenti bi produzzjoni baxxa, meta din setghet taghmel aktar minn hekk, allura kienet giet "Downgraded". Il-policy tal-kumpanija qabel ma taghmel "Downgrading" f'kazijiet ta' dixxiplina, hi li taghti tlett Written Warnings minn barra il Verbal Warning li jaghtu li jkunu kwazi ta' klujum.

Fil-kontro ezami is-Sur Schembri xehed li d-direttivi li jirrigwardjaw it-"timing", il-kwalita ta' xoghol u kif ghandu jigi mahdum, jigu minn barra, izda is-Supervisory Staff f'kull kaz kien 'jiggwida' lil Mr Freedman jekk dawn id-direttivi jkunux jistghu jigu implementati fil-prattika jew le.

.../14

Is-Sur Schembri kkonferma li l-Management qatt ma kellu inkwiet bl-appellant ghaliex kieku ma kienitx tibqa mal-kumpanija ghal ma tul dak iz-zmien kollu.

Meta Miss Vicky Tanti rrappurtat li Miss Lydia Bugeja kienet qiegheda xxewwex lin-nies biex ma jahdmux, hu kien baghat ghal Miss Bugeja fl-uffizzju u qalilha bir-rapport li kien ircieva fuqha, izda hi ma ammettietx din l-allegazzjoni. Wara hu mexxa c-"Charge" lis-Superjur tieghu.

Is-Sur Schembri kkonkluda ix-xhieda tieghu billi qal li minn Frar ta' l-1982 l'hawn, it-"targets" tal-produzzjoni qed jintlahqu minghajr problemi.

viii) <u>Mr J Visanich</u> - Il-Personnel Manager tal-Imperial Products Ltd - xehed li ghal l-ahhar ta' Jannar, 1982 kien hemm rapport ta' nuqqas ta' produzzjoni u parti kbira mill-istaff tas-Section tal-"Finishers and liners" gew moghtijja twissijiet l-ewwel verbali imbaghad bil-miktub.

Fil-kaz ta' Miss Bugeja wara li kienet inghatat flimkien ma ohrajn "Verbal Warning" hi kienet inghatat ukoll "Written Warning" segwit minn "Written Warning" iehor u "Downgrading".

Meta hi giet sospiza, il-Union giet involuta fil-livell tax-Shop Steward u mhux mill-livell tas-Segretarju tat-Taqsima.

Is-Sur Visanich spjega fid-dettal kif u sakemm fil-kapicita tieghu ta' Personnel Manager hu normalment jinvolvi ruhu, f' kazijiet ta' dixxiplina u kemm fil-fatt hu kien involvja ruhu fil-kaz partikulari ta' Miss Lydia Bugeja.

ix) <u>Mr Leslie Freedman</u> - Il Managing Director tal-Imperial Products Ltd - qal li hu jzomm ruhu aggornat hafna b'dak li jkun jghaddej fil-kumpanija permezz ta' kuntatti mill-qrib mas-"Supervisory and Management Staff". F'kazijiet ta' dixxiplina, is-Sur Visanich normalment jiffirma l-ittri ta' twissijiet wara li jkun iddiskuta mieghu is-suggett, izda galadarba l-kaz ta' Miss Bugeja

.../15

gie mressaq mix-Shop Steward, Mr Freedman ha certu nteress personali hafna aktar minn f'okkazzjonijiet ohra, ghar-raguni li l-appellant kienet wahda mill-impjegati li kellha l-aktar servizz twil mall-kumpanija waqt li kienet ta' kapacita mill-aqwa.

Ix-xhud qal li Miss Bugeja kellha aktar fuq x'hiex titkecca minbarra fuq il-kaz tat-tixwix, ghaliex il-produzzjoni taghha kienet nizlet ghal livell intollerabbli u allura kienet titkecca xorta wahda ghar-raguni ta' inkompetenza. Pero biex dan isehh, kien jenhtieg process ta' investigazzjoni illi jiehu iz-zmien ghaliex biex tasal ghal konkluzzjoni ta' investigazzjoni ta' din ix-xorta, ikun mehtieg li tanalizza bir-reqqa il-'Production Records' filwaqt li meta rreferewlhu l-kaz tat-tixwix li kien mressaq mis-Shop Steward, Mr Freedman deherlu li kellu bazi sufficjenti fuq x'hiex ikeccieha.

Ix-xhud spjega fit-tul dwar ir-relazzjonijiet u l-esperjenza tieghu mall-Union. Hu kompla jghid li meta kien kellem lil Miss Lydia Bugeja fil-presenza tax-Shop Steward dwar il-kaz, l-appellant cahdet kategorikament li hi xewxet lil impjegati l-ohra. Pero galadarba l-kaz kien tressaq lil Management mix-Shop Steward in-nifsu u wara li huwa sama r-rapport tal-Management, hass li kellu raguni sufficjenti sabiex jissuspendiha u wara jkeccija ghaliex kieku ma hax dan il-pass kien jirrifletti hazin ferm fuq in-normi ta' dixxiplina li huma tant mehtiega biex tmexxi u tikkontrolla il-fabrika efficjentament.

## 8. SOTTOMISSJONIJIET FINALI (Fil-qosor)

Is-Sur Arthur Micallef - f'isem Miss Lydia Bugeja ssottometta li ghandu dubbji tieghi dwar kemm dan il-kaz gie nvestigat sewwa minn naha tal-Management qabel ma nghata l-kastig estrem ta' tkeccija. Meta xi haddiem anzjan li ma jkunx ta' nkwiet lill-Management u lanqas lil Union tul perjodu ta' xoghol relattivament twil, ihallik tahdeb, jekk kaz bhal dan ta' tkeccija kienx gustifikat. Veru li l-haddiema nvoluti bdew igorru bejniethom, meta l-Management hareg ordni biex il-punti tal-hjata fix-xoghol partikolari jkunu

aktar spissi li bilfors zied ix-xoghol fil-"garment". Izda f'cirkostanzi bhal dawn, normalment il-Production Manager izomm sorveljanza kontinwa fuq il-haddiema. Hekk dejjem sar go fabbriki ohra f'cirkostanzi simili. B'hekk hafna drabi l-haddiema jew jigu gustifikati li veru x-xoghol ma jistax isir, jew li veru jista' jsir. Mhux l-ewwel darba li jkun jehtieg xi aggustament fil-hin tal-produzzjoni, l-istess dags kemm il-darba l-Management kien f'qaghda posittiva li l-haddiema ma ridux jahdmu, ghax fil-prezenza tal-Production Manager ix-xoghol ikun sar. F'okkazzjonijiet bhal dawn anke l-Union tkun f'pozizzjoni li tiddeciedi favur jew kontra l-istess membru. Fil-kaz li ghandna quddiemna mhux hekk sar. Il-Management ibbaza l-gustifikazjoni tieghu fuq wahda mix-xhieda li ghal raguni mgharufa minna biss, meta ghazlet li ssemmi lil Miss Lydia Bugeja minn fost il-haddiema shabha, fejn aktar tard, il-Management sawwar statement bl-Ingliz kif dehrlu hu, u x-xhud iffirmat. Dan gie stabbilit waqt is-smiegh tal-kaz illi ma kienx kelma b'kelma, meta nqrat il-verzjoni Maltija lil istess xhud.

Il-haddiema nvoluti kienu kollha qed jahdmu flimkien f' post wiehed meta gara l-incident. Ghaldaqstant normalment wiehed kien jistenna illi jkun hemm xi haddiema ohra li jsemmu lehenhom ukoll. Ghall-kuntrarju l-haddiema l-ohra cahdu anke bil-miktub li gew incitati minn Lydia Bugeja. Mill-esperjenza tieghu fil-qasam tax-xoghol tar-relazzjonijiet industrijali, jinsab konvint illi f'kull kaz fejn issir bidla fl-operazzjoni tax-xoghol il-haddiema anke dawk bl-aktar esperjenza fil-bidu jirrijagixxu kontra, izda wara ftit granet jigu ghal dakli jkun qed jitlob il-Management. Fil-kaz li qed jiddelibera minnu dan it-Tribunal, ma jhossux illi dan sar, minkejja li l-Management kien konvint li kien hemm differenza bejn ix-xoghol ta' qabel, ghal meta gew introdotti punti izghar. Is-Sur Micallef sostna li ma nghatax zmien bizzejjed qabel ma l-Management ha d-decizzjoni tieghu. Tant hu hekk illi wara perjodu qasir, il-haddiema bdew bil-mod jidraw, u l-produzzjoni bdiet tintlahaq.

.../17

Il-Management spontanjament agixxa b'mod imghaggel kontra l-appellant u dan semplicimeht ghaliex isimha gie msemmi minn wahda mill-impjegati shabha, waqt bidla li kienet qed issir fix-xoghol kif mitluba mill-Management. Miss Bugeja mhix eskluza milli garret bhalma ghamlu shabha, izda l-Management imkien ma stabbilixxa illi kellhu provi aktar konkreti ghajr dik li qaghad duq il-kelma ta' Miss Vicky Tanti, li wasslitu jiddeciedi biex jittermina l-impieg ta' l-appellant li fi 13 il-sena, dejjem kienet konxja ta' xogholha u lejali lejn il-Kumpanija, Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Taqsima titlob lil dan it-Tribunal sabiex jiddeciedi jekk il-kumpanija kienitx gusta li tittermina l-impieg ta' Miss Lydia Bugeja qabel ma tidhol aktar fil-fond ta' l-investigazzjonijiet kif fil-kaz bhal dan kien jimmerita li jsir.

Is-Sur Albert Tabone - f'isem l-Imperial Products Ltd issottometta li Miss Lydia Bugeja, li kienet ilha mpjegata mad-Ditta Imperial Products Ltd ghal madwar tlettax il-sena, giet imkeccija b'effett mis-26 ta' Frar, 1982, ghax incitat lil shaba fuq ix-xoghol biex ma jlehhqux in-normi ta' produzzjoni mitluba mill-Management. Ghalkemm din kienet ir-raguni ghat-tkeccija, fil-fatt ma kienitx hlief incident f'sene ta' incidenti. Fil-kaz ta' Miss Lydia Bugeja wiehed irid jara jekk kienx hemm l'elementi kollha mehtiega ghat-tkeccija taghha mill-impieg. Biex wiehed jizen bil-haqq irid jaghti piz ghac-cirkostanzi ekonomici u prospetti tal-azienda kif ukoll ghal l-imgieba ta' l-impjegata filwaqt tad-decizjoni ghat-tkeccija. L-istqarrija lill-haddiema ta' l-Imperial Products Ltd ta' Frar, 1982 hi l-isfond ghat-tkeccija ta' Miss Lydia Bugeja, u ta' impjegati ohra fl-istess zmien. Bhal fabbriki ohra l-Imperial Products giet milqutha mir-ricezzjoni u fil-prospetti xejn sbieh, il-Management kellu bzonn u xtaq il-koperazzjoni tal-haddiema sabiex il-fabbrika tibqa' fuq saqajha.

Id-dokumenti prodotti mill-kumpanija juru bic-car li l-imgieba ta' din l-impjegata bi tlettax il-sena esperjenza marret ghall l-ghar matul l-ahhar ftit xhur qabel it-tkeccija. Ta' min jinnota ukoll li wara li spiccat Miss Lydia Bugeja, il-produzzjoni qabdet certu ritmu. Fit-22 ta' Frar, 1982 Miss Lydia Bugeja giet imwissija bil-miktub dwar produzzjoni baxxa; fit-23 ta' Frar, meta kien car li

twissija ma kellha ebda effett, Miss Lydia Bugeja giet 'Downgraded' ghal Grade B u mwissija li "any break of factory regulations in future can render you liable to dismissal". Fl-24 ta' Frar, Miss Vicky Tanti ghamlet stqarrija lis-Sur Joseph Schembri fil-presenza tax-Shop Steward, Emanuel Mizzi, li Miss Lydia Bugeja kienet qed thegged lilha u lil shaba biex ma jlehhqux in-normi ta' produzzjoni . Wara din l-istqarrija Miss Lydia Bugeja giet sospiza u wara stharrig iehor giet imkeccija b'effett mis-26 ta' Frar, 1982.

Hemm numru ta' stqarrijiet kontrastanti li wiehed irid jezamina bir-reqqa l-aktar importanti huma:

a) Stqarrija bil-miktub iffirmatha minn Miss Vicky Tanti u li skond ix-xhieda taghha tirrifletti li qalet hi

b) Stqarrija bil-miktub tas-Sur Emanuel Mizzi, ix-Shop Steward sostanzjalment ikkonfermatha waqt il-kontro ezami.

c) Stqarrija ta' G Farrugia et al li cahdu li Miss Lydia Bugeja qatt qaltilhom biex ma jtellghux il-produzzjoni.

Hemm is-Sur Manuel Mizzi kif ukoll Miss Julia Gatt, Mrs Gina Farrugia (nee Penza) Mrs J Farrugia u Miss Angela Grixti, ilkoll xhieda ghal Miss Lydia Bugeja, ikkonfermaw bix-xhieda taghhom dak li wera l-Production Record, jigifieri, li wara li spiccat Miss Lydia Bugeja ma kienx hemm aktar problemi; waqt kontro ezami ta' Mrs J Farrugia harog ukoll il-fatt li l-istqarrija tal-"hamsa" saret mhux minn jeddhom imma ghax talbithom il-Union.

Fix-xhieda taghha Miss Lydia Bugeja qalet: "Heqq, kelli esperjenza hux! Kont dejjem nahdem f'dak ix-xoghol; ghaliex meta jkun hemm is-samples jew xi private order, il-bicca l-kbira kont naghmilhom jien '. Dan juri kemm ix-xoghol taghha kien sodisfacenti u li l-Management zgur ma kienx ser 'jaqbad' maghha jekk mhux ghar-ragunijiet validi.

Ghal mistoqsija ohra jekk tkellmux dwar l-istruzzjonijiet godda ghal punti 1 ghar, Miss Bugeja wiegbet li qatt ma kienu jitkellmu. Dan inghad ukoll mix-xhieda l-ohra imsejjha mill-Union.

.../19

L-esperjenza ta' kull haddiem u ta' kull min ihaddem hi li fuq ix-"Shop Floor" ta' spiss isiru diskussjonijiet, kull tant kwazi bil-mohbi u minn taht l-ilsien, dwar istruzzjonijiet godda. L-Imperial Products, u dwar dan hemm ix-xhieda tas-Sur J Schembri, ma kienitx differenti minn anjendi ohra.

It-Tribunal gie mitlub jaghti konsiderazzjoni lil-fatt li wara l-istqarrija tal-'hamsa', il-Union ma ppruvatx tavvicina lil Management mill-gdid f'attentat halli l-kaz ta' Miss Lydia Bugeja jigi ezaminat mill-gdid.

Wara ezami tax-xhieda kollha, fosthom dik tas-Sur Freedman, wiehed jasal f'konkluzzjoni cara li f'perijodu qasir kien hemm:

a) deterjorament serju fil-kwantita ta' produzzjoni ta' Miss Lydia Bugeja; u

b) Influwenza hazina fuq il-haddiema l-ohra permezz ta' ezempju u ta' kliem biex ma jlehhqux il-Production Targets u dan fi zmien difficili ghall-kumpanija.

Finalment is-Sur A Tabone ssottometta li mix-xhieda u minn 'assessments' ta' fatti li graw qabel u wara, jirrizulta li t-tkeccija ta' Miss Lydia Bugeja kienet raguni valida u t-Tribunal jikkonferma d-decizjoni tal-Management u jirrespingi t-talba tal-Union kompletament.

KONSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal irid jiddeciedi jekk it-tkeccija ta' Miss Lydia Bugeja fis-26 ta' Frar, 1982 mill-kumpanija Imperial Products Ltd kienitx ingusta, jigifieri jekk it-tkeccija mill-impieg taghha kienitx ghar-raguni gusta u sufficjenti skond il-ligi.

Ghalhekk it-Tribunal l-ewwel se jezamina ir-raguni tat-tkeccija li nghatat lil Miss L Bugeja mill-kumpanija permess ta' ittra datata 26 ta' Frar, 1982 imbaghad jekk dik ir-raguni gietx ippruvata.

.../20

It-test tar-raguni kien dan li gej:-

"On February 23 you were downgraded and given a final warning about your failure to achieve minimum production requirements.

On February 25 you were suspended indefinitely pending inquiries into allegations that you had been inciting the fellow workers in your section not to produce minimum production requirements.

Further investigations have produced irrefutable evidence both written and verbal that you did in fact incite your fellow workers to withold their production norms, as a result of which those who followed your incitement have either been disciplined or given notice of discharge.

Your actions have caused considerable financial loss to the company for which we reserve the right to hold you responsible at law.

Needless to say your behaviour has left us no alternative but to discharge you fortwith."

Mix-xhieda gie stabbilit li bejn ghal l-ahhar tas-sena 1981 u l-bidu tas-sena 1982, kien mehtieg li l-istandard tal-'Finished Products' jigi ameljorat sabiex il-prodott izomm il-kompettivita fis-swieq ta' barra minn Malta.

Dan it-tibdil fl-istandards, naturalment, zied il-process tax-xoghol ghaliex il-'Finishers' riedu jaghmlu aktar punti apparagun li kienu jaghmlu qabel, perkonsegwenza l-produzzjoni tal-'Finished Products' naqset. Pero qam inkwiet serju ghaliex il-produzzjoni naqset sostanzjalment aktar mit-'Targets' tal-produzzjoni riveduti li kienu gew iffissati mill-Management wara li ttiehdet inkonsiderazzjoni z-zieda tax-xoghol involut.
Sfortunament, il-produzzjoni, skond il-Management, kienet nizlet ghal livell tant baxx li kienet ta' theddida ghal l-istess eziztenza

tal-kumpanija. F'dawn ic-cirkostanzi, il-Management kellu jie hu passi sabiex jikkontrolla s-sitwazzjoni tant spjacevoli u hareg numru ta' "Written Warnings" (minn barra 'Verbal Warnings) inkluzi lil l-appellant u lil Miss Vicky Tanti, li t-tnejn li huma kienu ukoll gew 'Downgraded' minhabba l-produzzjoni baxxa.

Izda gara li f'dak iz-zmien ta' skuntentezza u garr fost il-'Finishers' Miss Lydia Bugeja giet akkuzata li kienet ixxewwex lil haddiema shaba sabiex ma jilhqux it-'Targets' tal-produzzjoni stabbiliti mill-kumpanija.

Mix-xhieda ta' Miss Tanti u l-istatement li ghamel is-Sur Mizzi rrizulta li hi kienet deliberatament izzomm il-produzzjoni taghha barra ghaliex "inkella kienu jaghmlu ghalija" u kif qalet hi stess din l-azzjoni swietilha "Degrading". Aktar tard Miss Tanti iffirmat 'Statement' fejn qalet "However, Lydia Bugeja repeatedly influensed me successfully not to achieve the requirements set my Management on the grounds that those who did so would be proving those who claim that they could not achieve the production requirements to le liars. Lydia Bugeja not only made the statement to myself alone but to all the others which is why nobody dared produce the required production for fear of being accused of being a traitor to that Section. Due to the pressures brought to bear on me I was regraded by Management which caused a reduction in my wages."

Mix-xhieda ta' Miss Tanti rrizulta li hi damet ma ffirmat l-istatement li gie pprezentat lilha biex tiffirma. Lis-Sur Visanich qaltlu: "Mhux se niffirmaha" u hu rrispondieha: "Allright, mela se natik chance sa ghada". L-ghada s-Sur Visanich sejjah lix-xhud u staqsieha: "Se tiffirmaha dil il-karta?" u hi rrispondietu: "Lanqas naf x'se naqbad naghmel" u s-Sur Visanich qalla: "Dik ma fihiex x'tibza minnha, ma hemm xejn, aqbad u ffirma", u kompliet tghid: "u jien ma kontx naf hux - qbadt u ffirmajtha".

Fix-xhieda taghha Miss Tanti halliet certu dubbju jekk fehmitx kollox u sewwa il-kontenut ta' l-istatement, ghaliex qalet "Li kieku kienet bil-Malti, ghaliex jien bzajt hux, qbadt u ffirmajtha, jiena bzajt li se jinqala xi haga fejn naf jien!!"

Fl-isfond ta' din l-evidenza li ma kienitx soda, daqs kemm wiehed jixtieq, it-Tribunal jasal ghal konkluzzjoni illi hi kienet taf x'iffirmat ghaliex qalet li bejn wiehed u iehor kien jirrifletti dak li hi kienet irrapurtat lill-Management.

It-Tribunal jappella lil Management tal-kumpaniji li meta jippreparaw u jipprezentaw "Statements" li jkunu mehtiega li jigu ffirmiti minn haddiema, kemm jista' jkun dawn ghandhom ikunu bil-Malti, sabiex wara ma jinhollqux dubbji u kull tant dubbji verament serji jekk fil-fatt il-kontenut ta' l-istatement jkunx verament dak li l-haddiem ikun stqarr waqt investigazzjoni.

Pero galadarba l-istatement ta' Miss Tanti kien, sabiex nghidu hekk, ir-raguni u l-bazi li gieghel lil kumpanija tkecci lil Miss Bugeja, ghalhekk wiehed irid jezamina l-aspetti relatati ma l-istess Statement. Fl-istatement li ffirmat Miss Tanti qalet "Lydia Bugeja not only made the statement to myself alone but to all the others .. .. .. "

Waqt l-investigazzjoni ta' Miss Bugeja Miss Angela Grixti li kienet tahdem fis-sezzjoni tal-"Finishers" kienet infurmat lil Management li Miss Bugeja qatt ma kienet influwenzathom sabiex izommu l-produzzjoni baxxa. Wara t-tkeccija ta' Miss Bugeja, cioe' nhar it-18 ta' Marzu, 1982, hames haddiema li kienu jahdmu bhala 'Finishers' ma Miss Lydia Bugeja iffirmaw dikjarazzjoni li huma "qatt ma gejna nfluwenzati b'ebda mod minn Miss Lydia Bugeja sabiex inzommu lura fix-xoghol taghna. Niddikjaraw ukoll illi f'ebda cirkustanzi Miss Lydia Bugeja qatt ma qaltilna sabiex ma ntellghux il-produzzjoni kif mitluba mis-Superjuri taghna, u dejjem nafuha bhala haddiema serja u attenta fuq ix-xoghol taghha."

Erba mill-firmatarji ta' din l-istqarrija dehru bhala xhieda quddiem it-Tribunal u kkonfermaw il-kontenut ta' l-istess stqarrija. Mix-xhieda li dehru quddiem it-Tribunal hadd minnhom ma kkorobora dak li qalet Miss Tanti fl-istatement taghha; izda kull ma ntqal kien li kien hemm garr minn hafna mill-"Finishers".

Ghal dik li hi produttivita, it-Tribunal jaghtiha l-importanza kollha li jisthoqqilha ghaliex minnha jiddependi l-istess ezistenza ta' l-industrija. Mix-xhieda u dokumenti sottomessi rrizulta li dak iz-zmien meta sar tibdil fil-kwalita tal-produzzjoni u kien mehtieg mill-"Finishers" xoghol aktar irfinut, il-produzzjoni naqset, pero l-Management naqqas ukoll it-"Targets" tieghu sabiex jikkompensa ghaz-zieda tax-xoghol li kien mehtieg biex il-prodott johrog irfinut aktar milli kien qabel.

Il-produzzjoni tal-"Finishers" kollha kienet nizlet pero dik ta' Miss Lydia Bugeja kienet nizlet relattivament aktar minn ta' l-ohrajn; meta tiehu in konsiderazzjoni li din kienet ilha 13 il sena mal-kumpanija u l-aktar wahda li kellha esperjenza bhala "Finisher", allura il-Management bir-ragun kollu jppretenda li matul dak iz-zmien ta' "tibdil ta' l-istandards" il-produzzjoni ta' l-appellant ma kelliex tinzel relativament aktar baxxa minn ta' shaba l-"Finishers" li kienu ta' esperjenza anqas minn taghha. Miss Bugeja bl-esperjenza li kellha kienet rigwardjata bhala l-ahjar wahda fost il-"Finishers", tant li x-xoghol tal-kowtijiet tal-mink, li jirrikjedu speci l-aktar 'skill' kien normalment jigi assenjat lilha.

Minbarra l-"Verbal Warnings" Miss Bugeja kienet giet imwissija ghal dawn in-nuqqasijiet serji taghha permezz ta' zewg Written Warnings fi zmien 24 siegha, cioe' - wiehed nhar it-22 ta' Frar, 1982 u iehor l-ghada li kien jghid: "This leaves us no alternative but to downgrade you to Grade B fortwith. You are also warned that any breach of factory regulations in future can render you liable to dismissal."

Il-produzzjoni ta' Miss Bugeja matul l-ahhar tlett ijiem ta' qabel it-tkeccija taghha kienet:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 22 ta' Frar 1982 | ... | $1\frac{1}{2}$ Coats | (l-Ewwel Warning) |
| 23 ta' Frar 1982 | ... | $1\frac{1}{2}$ Coats, Backing | (it-Tieni Warning) |
| 24 ta' Frar 1982 | ... | $1\frac{3}{4}$ Coats | |

Il-produzzjoni tal-"Finishers" bdiet tieghla u wara li Miss Bugeja spjegat baqghet mieghha u skond ix-xhieda l-problema ta' nuqqas ta' produzzjoni ma baqghetx tezisti.

<u>AWARD</u>

It-Tribunal baqa' dubbjuz hafna wara li sama x-xhieda u mhux konvint li Miss Bugeja kienet fil-fatt xewxet lil shaba biex ma jilhqux it-"Targets", akkuza li hija verament serja u delikata tant li kienet ir-raguni ewlenijja ghat-tkeccija ta' l-appellant.

Izda t-Tribunal hu konvint li Miss Lydia Bugeja bhala "Finisher" b'hafna esperjenza <u>ma ghamletx hilitha kollha</u> sabiex tilhaq dawk l-istess "Targets" ta' produzzjoni stabbiliti mill-Management.

Ghalhekk, it-Tribunal jordna li Miss Lydia Bugeja tid-dahhal lura ghax-xoghol sa mhux aktar tard mill-Hamis, 10 ta' Novembru, 1983, fil-Grad li kellha nhar l-24 ta' Frar, 1982, u tithallas ghaz-zmien li ghamlet barra bir-rata ta' nofs paga li jithallsu f'sitt pagamenti ugwali nhar l-ahhar paga ta' kull xahar, mix-xahar ta' Novembru, 1983 sa April 1984. Il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurta Nazzjonali u l-Bonus jithallsu skond il-ligi.

B'Hekk it-Tribunal itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

A. DEBONO
Chairman

A. Bartolo Parnis
Segretarju

Data: 4 ta' Novembru, 1983

ja